

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/387**tal-5 ta' Marzu 2015****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid xi sottodivizjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.
- (4) Jixraq li jkun previst li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ⁽²⁾. Dak il-perjodu għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Heinz ZOUREK

Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Apparat elettriku jikkonsisti minn qafas tal-metall ċilindriku li jinkorpora lampa li tarmi r-radjażzjoni ultravjola (UV) u apparat elettroniku b'indikaturi tad-dawl li jindikaw l-istatus tal-apparat. Il-potenza elettrika tad-dawl UV ivarja minn 14 sa 39 W. L-apparat huwa fornut b'vultaġġ standard ta' 220 V. Huwa ppreżentat biex jintuża għall-purifikazzjoni fotokimika tal-ilma. Il-purifikazzjoni ssir permezz tal-irradjażzjoni UV tal-ilma ġieri, b'hekk teqred il-batterji, il-virusijiet u mikro-organismi oħra li jkun hemm fih. Huwa ppreżentat għall-użu f'ambjent domestiku, mediku jew industrijali.	8421 21 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 8421 u 8421 21 00. Il-funzjoni tal-apparat hija l-purifikazzjoni tal-ilma, li hija funzjoni deskritta fl-intestatura 8421. Il-fatt li l-batterji, il-virusijiet u l-mikro-organismi mhumex separati fiżikament imma meqruda ma jeskludix il-klassifikazzjoni taħt din l-intestatura. L-intestatura tkopri filtri u purifikaturi ta' kull tip (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 8421, punt (II)). Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8543 bħala magni u apparati elettriċi, b'funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi bnadi oħra hija għaldaqstant eskluża. Għalhekk, dan l-apparat għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8421 21 00 bħala apparat għall-filtrazzjoni u l-purifikazzjoni tal-ilma.